# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 30 ta' Marzu 2021**

Appell numru 168/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Adrian SPITERI**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-17 ta' Settembru 2020 fil-konfront ta' Adrian SPITERI, karta tal-identita' bin-numru 77188M li ġie mixli (in suċċint) talli nhar is-27 ta' Jannar 2019 għall-ħabta tal-ħamsa ta' fil-għaxija fi Triq San Pawl in-Naxxar (fir-roundabout ta' qabel it-telgħa ta' T'Alla w Ommu):

    i. Saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBL 397 fi triq jew post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

ii. U aktar talli saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBL 397 fit-triq jew post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt;

iii. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;

iv. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża;

v. B'nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna ħruq jew għamel ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa meta ħabat f'arblu tad-dawl u involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu tal-korporazzjoni enemalta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddeċidiet li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu minbarra l-imputazzjoni numru ħamsa u kkundannatu għall-ħlas ta multa kumplessiva ta' elf u tminn mitt euri (€1,800) filwaqt li skwalifikatu milli jżomm liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza. In oltre imponiet penali ta' tlett punti fuq il-liċenzja tas-sewqan.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka u tikkanċella s-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' akkuża u għaldaqstant tilliberah minnhom filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ma nstabx ħati tal-ħames akkuża. Fl-eventwalita' li ma tilqax l-aggravji fuq il-mertu fir-rigward tal-akkużi li

l-appellant instab ħati tagħhom, sabiex tvajra u tirriforma s-sentenza appellata f'dik il-parti li tirrigwarda l-piena inflitta u dan wara li stqarr is-segwenti:

i. Il-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti. Huwa impossibbli li t-test ittieħed fil-ħin tal-18.33.11 kif indikat fuq l-irċevuta li ffirma l-appellant u li fuqha l-ewwel Qorti straħet bħala prova u dan għaliex l-appellant kien diga' laħaq għamel it-test meta l-avukat mar l-għassa u l-avukat mar l-għassa għal ħabta tas-18 hours. Għalhekk il-ħin indikat fuq l-irċevuta ma jista' qatt jirrifletti t-test li sar fuq l-appellanti. Dan ifisser li l-irċevuta ma tista' qatt tikkostitwixxi l-prova meħtieġa lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni sabiex tistabbilixxi li l-appellant kien taħt l-effett tal-alkohol u aktar minn hekk fl-ammont ekwivalenti għal 151.3 mikrogrammi f'mitt millilitru ta' nifs.

   L-appellant qiegħed jikkontendi li jekk l-ikkalibrar tal-apparat li jintuża sabiex isir it-test tan-nifs kien jindika r-real time allura kellu jirrifletti l-ħin reali meta effettivament ittieħed it-test diment li l-irċevuta tirreferi għall-appellant. Dan ifisser li jista' jkollok problema ta' attendibilita' fir-rigward ta' dan l-apparat mhxu biss ai fini ta' ħin iżda anki fir-rigward tal-miżura li għandha x'taqsam mal-proporzjon ta' alkoħol man-nifs.

ii. Il-Qorti ma setgħet qatt issib ħtija fl-appellant għat-tielet u r-raba' imputazzjoni u dan għaliex ma ressqet l-ebda xhud okulari fuq x'sewqan kien qiegħed isuq l-appellant. Jirriżulta li l-Pulizija waslu fuq il-post u sabu lill-appellant fejn il-vettura.

iii. Il-piena mogħtija kienet eċċessiva fiċ-ċirkostanzi u fid-dawl tal-fedina penali netta li fi kwalsiasi każ kellu jitqies bħala first time offender.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

4. Illi nhar is-27 ta' Jannar tas-sena 2019, għall-ħabta tal-ħamsa ta' wara nofs in-nhar, il-Pulizija tal-Għassa tan-Naxxar daħlilhom rapport mis-sezzjoni tal-Administrative Law Enforcement, li ġewwa n-Naxxar, fl-inħawi tar-roundabout ta' qabel ma taqbad it-telgħa ta' T'Alla w Ommu, kien seħħ inċident stradali. Il-Pulizija mill-Għassa tan-Naxxar, preċiżament PS 1021, PC 924 u Wpc 162 irrikorrew fuq il-post fejn

hemmhekk sabu vettura tal-għamla Toyota Aygo bin-numru ta' reġistrazzjoni JBL 397 inċidentata ma' arblu tal-Enemalta u raw li kienu saru ħsarat konsiderevoli kemm lill-imsemmija vettura kif ukoll lill-arblu, propjeta' tal-Enemalta. Il-Pulizija avviċinaw is-sewwieq ta' din il-vettura, Adrian Spiteri, u fuq suspett li kien qiegħed isuq taħt l-effett tal-alkoħol, tawh struzzjonijiet sabiex jagħlaq il-vettura tiegħu u jmur magħhom l-Għassa ta' Birkirkara sabiex isirlu t-test tan-nifs.

5. Darba waslu l-Għassa ta' Birkirkara, il-Pulizija spjegaw lil Adrian Spiteri l-konsegwenzi legali ta' jekk huwa jirrifjuta li jagħmel dan it-test tan-nifs u huwa, għażel illi jagħmlu pero' ma xtaqx jiffirma qabel ma jkun ikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu. Kien għalhekk illi għal ħabta tas-sitta ta' filgħaxija, ippreżenta ruħu l-Għassa l-avukat tal-fiduċja tal-appellant Spiteri u wara d-debita konsulenza, l-appellant għażel illi jiffirma fuq it-tlett irċevuti maħruġa mill-Pulizija, rappreżentanti r-riżultat tat-test tan-nifs.

6. Skont ir-riżultat tal-imsemmi test, kien hemm proporzjon ta' alkoħol fin-nifs ekwivalenti għal 151.3 mikrogrammi f'mitt millilitru ta' nifs u kwindi iktar għoli mil-limitu preskritt mil-Liġi. Jidher li l-irċevuti li ġew mgħoddija lill-appellant kienu juru l-ħin tas-sitta u nofs ta' filgħaxija bħala l-ħin ta' meta ttieħdet dan il-kampjun tan-nifs u li l-aħħar darba li kien ġie hekk ikkalibrat l-istrument li ntuża mill-Pulizija fit-teħid tal-kampjun tan-nifs lill-appellant Spiteri kien nhar it-8 ta' Jannar 2019. Jidher ukoll li l-ħsarat imġarrba mill-arblu tal-Enemalta kienu jammontaw għal Ewro 278.32 skont stima ta' ħsarat hekk mgħoddija lill-Pulizija mill-Korporazzjoni stess.

**Ikkunsidrat**

7. Illi fl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta li s-sejbien tal-ħtija tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet ma kienx *safe and satisfactory* għaliex il-prova ċentrali tal-Prosekuzzjoni ma kienetx attendibbli stante li l-irċevuta naqset milli tirrifletti bi preċiżjoni l-ħin li fih ittieħed tali kampjun tan-nifs.

8. Huwa minnu li mill-provi prodotti jirriżulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li ma jistax ikun li t-test tan-nifs in kwistjoni ttieħed fil-ħin indikat fl-irċevuta li esebiet il-Prosekuzzjoni bħala prova tal-livell ta' alkoħol fin-nifs tal-imputat appellant. L-appellant jikkontendi li sal-mument li l-avukat tiegħu wasal l-Għassa ta' Birkirkara għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija, dan it-test kien diga' ttieħidlu. Dan il-fatt ġie kkorraborat ukoll mix-xhieda mogħtija permezz tal-affidavit ta' PS 1021 Christian Cauchi.[1] Anke fl-NPS eżebit, a fol 13 meta ġiet mniżla l-istqarrija tal-imputat appellant ġie miktub li l-appellant ikkonferma d-data u l-ħin ta' meta rrilaxxja l-istqarrija, ċjoe' u rapurtat li qal hekk :

   > li l-hin hu s-18:15hrs tal-gurnata 27 ta' Jannar 2019 illi ghal habta tal-17:00hrs, jiena kelli incident bil-vettura Toyota Aygo JBL-397 u ma niftakarx ezattament x'gara. Xi nofsiegha ilu sarli breathalyser test u jiena mhux qed nsib diffikulta li niffirma fuq l-ircevuta diment li ttuni kopja.

9. Jirriżulta li l-irċevuta li ġiet eżebita fil-busta a fol 4A tal-proċess fiha l-ħin ta' meta sar it-test indikat bħala 18:33:11. Jekk ix-xiehda ta' PS1021 u dak li ġie rapurtat li qal l-appellant huwa korrett, dan it-test sar għall-ħabta ta' 17:45 u mhux 18:33:11.

[1] Ara affidavit a fol. 5 tal-atti proċesswali.

10. Jirriżulta li hemm diskrepanza bejn il-ħin li fih ix-xhieda tal-PS1021 u dak rapurtat li stqarr l-appellant stess jgħidu li ttieħed dan il-kampjun tan-nifs mal-ħin indikat fuq l-imsemmija riċevuta. Ma ttelgħet l-ebda prova xjentifika jew oħra sabiex tiġi spjegata din id-diskrepanza fil-ħin bejn il-ħin li huwa indikat fuq l-irċevuta bħala l-ħin li fih kien qiegħed jaqra l-apparat utilizzat għall-kejl tal-alkoħol fin-nifs tal-appellant mal-ħin li x-xhieda ħajjin qalu li fil-fatt seħħ dan it-test.

11. Illi ġaladarba tirriżulta din id-diskrepanza bejn il-ħin tat-test mistqarr mix-xiehda u dak indikat mill-irċevuta rilaxxjata mill-apparat, l-appellant, bir-raġun, jistaqsi liema minn din l-evidenza kienet tista' tistrieħ fuqha Qorti ta' Ġustizzja Kriminali f'dan il-każ biex issib ħtija fl-appellant : ġaladarba din l-evidenza kienet konfliġġenti. Fis-sens li jekk jitwemnu PS1021 u l-NPS allura jfisser li l-ħin imniżżel fuq l-irċevuta rappreżenanti l-ħin li fih sar it-test tan-nifs ikun jirriżulta żbaljat. B'hekk l-appellant jargumenta li jekk dan il-ħin kien jirriżulta żbaljat, dan l-iżball kien, probabbilment, dovut għal kalibrar ħażin ta' dan l-apparat. U jekk dan l-apparat kellu l-ħin tiegħu ikkalibrat ħażin, ma setgħax ukoll, fuq bażi tal-probabbli, jkun ħażin l-ikkalibrar tal-istess apparat kwantu għal dak li għandu x'jaqsam mal-kejl tal-livell ta' alkoħol fin-nifs? Mill-banda l-oħra kemm kien probabbli li dak mistqarr mill-appellant u minn PS1021 kwantu għall-ħin li fih sar it-test tan-nifs kien żbaljat?

12. In kwantu dan huwa proċess kriminali, Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' ssib ħtija biss jekk tkun konvinta lil hinn minn dubju

dettat mir-raġuni fuq provi li jistgħu jwasluha sa' dak il-grad ta' konvinċiment morali.  Din il-Qorti tifhem li kemm il-memorja tal-bniedem kif ukoll ikkalibrar ta' strument jistgħu ikunu impreċiżi. F'dan il-każ ix-xiehda tal-Prosekuzzjoni kienet mistennija li tkun taqbel mar-riżultanzi tal-istrument approvat. Iżda ġara li inħoloq dubju raġjonevoli mix-xiehda imresqa mill-Prosekuzzjoni stess dwar kemm l-istrument approvat kien regolat u kalibrat b'mod korrett.

13. Din il-Qorti taqbel li d-Difiża irnexxielha toħloq dubju raġjonevoli dwar kemm kienet attendibbli u affidabbli din il-prova tal-livell tal-alkoħol fin-nifs tal-appellant.  Jiġi ċċarat li din il-Qorti taqbel mal-argument tal-appellant fir-rigward tan-nuqqas ta' attendibilita' tat-test tan-nifs **bħala l-prova tal-livell tal-alkoħol fin-nifs tiegħu fis-sens li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx legalment u raġonevolment tistrieh fuq dawk ir-riżultanzi sabiex issib ħtija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni – li tiddependi fuq il-prova preċiża u sikura lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni tal-livell tal-alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mill-limitu preskritt.**

14. Mill-banda l-oħra, dan ma jfissirx li, fl-assjem tal-provi miġjuba quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx xorta waħda tqis li **l-appellant kien fi stat ta' sokor meta seħħ dan l-inċident għall-fini tal-ewwel imputazzjoni**.

15. Ir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni huwa dak li jinkwadra ruħu fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u jippreskrivi s-segwenti:

> (1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fi triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.
>
> (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li mhiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapacita' tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.

16. It-tieni imputazzjoni hija mill-banda l-oħra ibbażata fuq l-Artikolu 15B(1) tal-imsemmija Liġi u tippreskrivi s-segwenti:

> (1) Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt.

17. Dawn iż-żewġ reati, għalkemm simili fil-finalita tagħhom huma differenti fir-rigward tal-elementi kostituttivi tagħhom. Is-sejbien ta' ħtija fit-tieni imputazzjoni tiddependi fuq il-prova xjentifika ta' kejl speċifiku riżultanti mill-użu ta' proċess tekniku, bl-użu ta' strument approvat jew eżami xjentifiku li jkun juri lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-livell ta' alcoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkunx fil-limitu preskritt o meno.

18. Mill-banda l-oħra l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta - kuntrarjument għall-Artikolu 15B tal-istess - **ma jeħtieġx** li tiġi stabbilita bi preċiżjoni xjentifika xi kwantita' ta' xorb alkoħoliku fin-nifs, fid-demm jew fl-urina ta' sewwieq li jkollu l-kontroll ta' vettura bil-mutur. B'hekk Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' tiddeduċi li sewwieq ikun f'kundizzjoni ta' sokor anke minn provi oħra - diretti daqskemm indiretti - bħal ma huma per eżempju, l-osservazzjonijiet u konstatazzjonijiet fattwali li jkunu għamlu l-Pulizija fuq il-post tal-inċident, l-istqarrijiet bil-ġurament tagħhom dwar l-imġieba ta' sewwieq ta' vettura bil-mutur meta huma jkunu għamlu l-ewwel

kuntatt miegħu – bħal per eżempju l-mod kif ikunu qegħdin jarawh iġib ruħu, kif ikun qiegħed jitkellem, ikunx f'sensieh jew le, kif ikun qiegħed jimxi, jekk ikollux xi riħa ta' alkoħol fuqu, kif kien qiegħed isuq, kif u fejn ikun waqaf bil-karozza, jekk ikunx involut f'xi inċident, jekk iċ-ċirkostanzi jkunux juru li huwa jkun tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu, eċċetra.

19. Fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Christian Fenech**[2] ġie mistqarr is-segwenti:

> Dan ifisser li għall-fini ta' integrazzjoni tar-reat taħt l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tista' tieħu in konsiderazzjoni provi oħra apparti mir-riżultat o meno tal-analiżi magħmula skont l-artikolu 15E tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistgħu jinkludu l-komportament u l-kundizzjoni fiżika tas-sewwieq.

20. Dan il-prinċipju ġie espost ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marlon Montebello**:

> Kif din il-Qorti kellha okkażżjoni tosserva fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Francis Pace, biex jiġi deċiż jekk persuna kinetx qeda ssuq 'meta l-kapacita' tagħha li ssuq sew (kienet) għal xi ħin imnaqqsa minħabba xorb (jew drogi) bi ksur tal-Artikolu 15A, wieħed jista' jieħu in konsiderazzjoni provi oħra u cioe' apparti mir-riżultat o meno tal-analiżi magħmula skont l-Artikolu 15E. **Tali prova oħra tista' tinkludi l-komportament u l-kundizzjoni fiżika tas-sewwieq[3],** kif ukoll ir-riżultat tat-test (preliminari) tan-nifs magħmul taħt l-Artijkolu 15C. Kwantu għall-hekk imsejħa 'caution', din it-twissija (cioe t-twissija li n-nuqqas jew rifjut li wieħed jagħti kampjun tan-nifs hu reat) hi meħtieġa biss sabiex il-pulizija tkun tista' tarresta lil minn hekk jonqos milli jagħti l-kampjun għat-test tan-nifs (mhux għall-analiżi) u dan skond l-Artikolu 15D(b); għall-finijiet tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4) ebda twissija ma hi meħtieġa (ara Il-Pulizija vs. Emanuel Camilleri, App. Krim., 30 ta' April 1999 u l-Pulizija vs. Anthony Cutajar, App. Krim., 2 ta' Settembru, 1999[4].

21. Mill-affadavit ta' PS 1021 Christian Cauchi jirriżulta li meta waslu fuq il-post il-Pulizija sabu li l-vettura tal-għamla Toyota Aygo,

---

[2] Deċiża fid-19 ta' Mejju 2020

[3] Emfasi ta' din il-Qorti

[4] Il-Pulizija vs. Christian Fenech, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Mejju 2020.

kienet misjuqa mill-appellant. Il-vettura kienet wieqfa, iżda n-naħa ta' quddiem tagħha kien jirriżulta inċidentat għal fuq il-bankina. Irriżultalhom li arblu tad-dawl tal-Enemalta kien ġie mgħawweġ b'tali mod li kien qiegħed ikun ta' perikolu għall-vetturi oħra u dan bħala riżultat tal-fatt li l-vettura misjuqa mill-appellant kienet baqgħet dieħla fuqu. L-i "stationary position" tal-vettura misjuqa mill-appellant kienet fuq il-bankina. Dawn huma ċirkostanzi indikattivi ta' sewqan erratiku minn sewwieq li ma kellux kontroll sħiħ fuq il-vettura bil-mutur misjuqa minnu.

22. In oltre arblu tad-dawl tal-Enemalta kien ġie mgħawweġ sew b'riżultat tal-impatt li din il-vettura ta' dimensjoni pjuttost żgħira kellha fuqu. Dan ukoll jindika **impatt qawwi f'sitwazzjoni fejn is-sewwieq ma jkollux il-kontroll assolut tal-vettura tiegħu.**

23. PS 1021 jgħid ukoll illi osserva lis-sewwieq tal-vettura jimxi mxengel u b'diffikulta biex iżomm dritt fuq saqajh. Dan sawwar fih is-suspett li l-appellant kien qiegħed isuq fi stat ta' sokor tant li pproċeda biex eskorta lill-appellant fl-Għassa tal-Pulizija għat-test tan-nifs. Ir-riżultat ta' dan it-test tan-nifs ma ġiex meqjus prova sikura minn din il-Qorti sabiex fuqu tkun tista' ssib lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni, in kwantu ma ssodisfax il-grad ta' prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni dwar il-preċiżjoni tal-kejl tiegħu. Din il-Qorti lesta li tagħti l-benefiċċju tad-dubju lil-appellant dwar problema fil-kalibrazzjoni tal-istrument li setgħet, fuq bażi ta' probabbilita, ma tagħtix attendibbilita lir-riżultat ta' dak l-istrument biex, unikament fuq dik il-prova, Qorti tkun tista ssibu ħati tar-reat kriminali li jistrieh unikament fuq il-preċiżjoni ta' dak il-qari. Iżda mill-banda l-oħra ma tistax ma tqisx li f'dan il-każ, id-diskrepanza bejn ir-riżultat tal-kejl

meħud bl-istrument approvat u l-limitu impost bil-Liġi kienet kbira ħafna.

24. Imbagħad hemm l-istqarrija rilaxxjata mill-appellant mnejn jirriżulta li huwa jammetti li kien qiegħed isuq il-vettura de quo qabel ma seħħ l-inċident; jammetti li huwa kien involut fl-inċident – fejn il-Pulizija raw li huwa tilef il-kontroll tal-vettura, tela' fuq il-bankina, u baqa' dieħel f'arblu tad-dawl tal-Enemalta u kkważalu ħsarat sostanzjali. Imbagħad apparti li l-appellant jammetti wkoll li huwa kellu "inċident" huwa jżid li ma jiftakarx eżattament x'ġara. Anke hawn, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tinterpreta din l-istqarrija, fl-isfond tal-assjem tal-provi prodotti bħala parti l-aħħar stadji tal-intossikazzjoni – ossija parti mill-**comatose stage**.

25. Dil-Qorti tqis li l-insenjament Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Marlon Montebello** isib applikazzjoni fil-kawża in diżamina u in bażi tiegħu il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni għall-ksur tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta meta tqis l-assjem tal-provi prodotti.

26. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant qiegħed jiġi milqugħ biss in parte.

**Ikkunsidrat**

27. Fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta mis-sejbien tal-ħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-konfront tiegħu għar-reat

ipotizzat fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema dispożizzjoni ta’ liġi taqra bil-mod segwenti:

> (1) Kull min - (a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b’nuqqas ta’ kont, bi **traskuraġni, jew b’mod perikoluż**, iżda ma tkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle;

28. Din l-imputazzjoni tista’ tissussisti flimkien ma’ jew indipendentement mill-fatt jekk is-sewwieq kienx taħt l-effett tax-xorb jew droga. Il-Qorti tagħmel referenza għal ġurisprudenza fejn saret distinzjoni ċara bejn dak illi jitqies bħala sewqan traskurat u negliġenti kif ġej:

> Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn jew li ma jilhaqx il-livell ta', sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti. kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fl-artikolu 15 (2) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) bhala sewqan "bi traskuragni kbira". Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perkolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddecidi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-prezenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz.[5]

29. In oltre fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alfonso Abela** din il-Qorti diversament ippreseduta rriteniet is-segwenti:

---

[5] **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar is-6 ta’ Mejju 1997.

> Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Aldo Muscat" [27.5.04] ), jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim. Pul. vs. Charles Bartolo [14.3.59] ; Pul. vs. Wilson, Vol. XXXIX p. 1018 u Pul. vs. Alfred Vella, Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham , [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu irreat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia XXXIX p. 1018.) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye". (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina , 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri , Vol. XLIV , p.892.).[6]

30. Din il-Qorti diġa esprimiet il-ħsieb tagħha li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet temmen lix-xiehda tal-Prosekuzzjoni u dak rapurtat fl-NPS bħala mistqarr mill-appellant dwar id-dinamika tal-inċident. PS 1021 xehed kif osserva l-vettura misjuqa mill-appellant fuq il-bankina, bin-naħa ta' quddiem imdaħħal fil-ħaxix preċiżament **fir-roundabout** ta' qabel ma taqbad it-telgħa ta' T'Alla w Ommu. Hekk kif is-sewwieq beda miexi, huwa osserva kif dan beda jimxi b'mod imxengel u li ma setax iżomm dritt.

31. Ma jistax jingħad li bonus paterfamilias kien ipoġġi lilu nnifsu fi stat tali li ma jkunx jista' jkollu l-kontroll assolut, sikur u seren tal-vettura minnu misjuqa. Bonus paterfamilias huwa mistenni li jsuq b'kawtela akbar meta jiġi biex idur ma roundabout. Ir-raġuni hija li meta sewwieq isuq b'veloċita elevata fil-mument fejn li jkun sejjer idur ma' roundabout jista' jwassal biex jitlef il-kontroll tal-vettura – aktar u aktar meta jkun qiegħed isuq b'ċertu spavalderija jew ikun taħt l-influwenza ta' xorb jew drogi.

32. Tajjeb osservat ukoll il-Qorti tal-Maġistrati kif anki l-ħin tal-inċident, għal xil-ħamsa ta' filgħaxija f'Jannar – fejn allura diġa jkun

---

[6] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Marzu 2005.

dalam - kien ukoll jirrikjedi ħafna iktar kawtela fis-sewqan minn dik li wera l-appellant fis-sewqan tiegħu. Is-sewqan tal-appellant jista' wkoll jiġi meqjus bħala sewqan perikoluż għaliex mhemmx dubju li kien ta' perikolu kemm għal terzi kif ukoll għall-propjeta' tagħhom.

33. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal li ssib ħtija fl-appellant anki fir-rigward tat-tielet u r-raba' imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

34. In kwantu għall-aggravju dwar il-piena din il-Qorti tosserva li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva.

35. F'dan il-każ il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant limitatament għas-sejbien ta' ħtija tiegħu fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, għalhekk sejra żżomm ferm is-sejbien ta' ħtija fir-rigwrad tal-ewwel imputazzjoni. Jirriżulta li meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-appellant ħati kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni imputazzjoni – kif ukoll tat-tielet u r-raba' imputazzjoni, dik il-Qorti kienet diga' imponiet il-piena fil-minimu preskritt mill-Artikolu 15H tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk mhux possibbli għal din il-Qorti li tinżel taħt dak il-minimum f'dan il-każ.

36. Inoltre, anke kwantu għall-kwantum tas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet imponiet dik il-piena fil-minimum tagħha.

# DECIDE

Konsegwentement, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell in parti billi tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni u minflok issibu mhux ħati tat-tieni imputazzjoni u għaldaqstant tilliberah minn kull ħtija dwarha u fl-istess waqt tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**